

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 191

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

12 ta' Lulju 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 661/2013 tat-8 ta' Lulju 2013 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għal-lipp abjad fl-ilmijiet tal-UE u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 662/2013 tad-9 ta' Lulju 2013 li jistabbilixxi projbizzjoni għas-sajd tal-linarda fl-ilmijiet internazzjonali u tal-UE taż-żoni Vb, VI u VII minn bastimenti li jtajru l-bandiera Spanjola** 3
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 663/2013 tal-10 ta' Lulju 2013 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żoni VIIIa u VIIIb minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** 5
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2013 tal-11 ta' Lulju 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 7

DEĊIŻJONIJIET

2013/372/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda** 9

Prezz: EUR 3

(Ikompli fil-paġna li jmiss)
MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2013/373/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 li tapprova l-aġġornament tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku tal-Irlanda** 10

2013/374/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri** 11

Avviż lill-qarrejja – Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (Ara paġna 3 tal-qoxra)



II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 661/2013

tat-8 ta' Lulju 2013

li jstabilixxi projbizzjoni tas-sajd għal-lipp abjad fl-ilmijiet tal-UE u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1262/2012 tat-20 ta' Diċembru 2012 li jiffissa għall-2013 u l-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond ⁽²⁾, jistipula l-kwoti għall-2013.
- (2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2013.
- (3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2013 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, jiġi ttrasportat, jew jiġi żbarkat, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,

Lowri EVANS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 356, 22.12.2012, p. 22.

ANNEX

Nru	09/DSS
Stat Membru	Spanja
Stokk	GFB/567-
Speċi	Lipp Abjad (<i>Phycis blennoides</i>)
Żona	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII
Data	22.6.2013

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 662/2013**tad-9 ta' Lulju 2013****li jistabbilixxi projbizzjoni għas-sajd tal-linarda fl-ilmijiet internazzjonali u tal-UE taż-żoni Vb, VI u VII minn bastimenti li jtajru l-bandiera Spanjola**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ⁽²⁾, jistabbilixxi l-kwoti għall-2013.
- (2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2013.
- (3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-Kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2013 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. Partikolarment, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, jiġi ttrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

Lowri EVANS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 23, 25.1.2013, p. 54.

ANNEX

Nru	10/TQ40
Stat Membru	Spanja
Stokk	BLI/5B67-
Speċi	Linarda (<i>Molva dypterygia</i>)
Żona	L-ilmijiet internazzjonali u tal-UE taż-żoni Vb, VI, VII
Data	22.6.2013

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 663/2013**tal-10 ta' Lulju 2013****li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żoni VIIIa u VIIIb minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2013 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Billi:

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 39/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa, għall-2013, l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li mhumiex suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ⁽²⁾, jistabbilixxi l-kwoti għall-2013.

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, jiġi ttrasportat, jew jiġi żbarkat, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawh il-bastimenti wara dik id-data.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2013.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni,**Fisem il-President,*

Lowri EVANS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 23, 25.1.2013, p. 1.

ANNEX

Nru	11/TQ39
Stat Membru	Spanja
Stokk	SOL/8AB.
Speċi	Lingwata komuni (<i>Solea solea</i>)
Żona	Iż-żoni VIIIa u VIIIb
Data	22.6.2013

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 664/2013**tal-11 ta' Lulju 2013****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0707 00 05	MK	33,9
	TR	105,8
	ZZ	69,9
0709 93 10	TR	133,1
	ZZ	133,1
0805 50 10	AR	87,0
	TR	70,0
	UY	80,2
	ZA	97,8
	ZZ	83,8
0808 10 80	AR	144,6
	BR	105,5
	CL	129,9
	CN	96,2
	NZ	144,2
	US	155,0
	ZA	115,1
	ZZ	127,2
0808 30 90	AR	128,3
	CL	147,4
	CN	66,6
	ZA	128,8
	ZZ	117,8
0809 10 00	IL	275,4
	TR	193,7
	ZZ	234,6
0809 29 00	TR	346,3
	US	793,8
	ZZ	570,1
0809 30	TR	211,8
	ZZ	211,8
0809 40 05	BA	195,8
	IL	99,1
	MA	99,1
	ZA	125,3
	ZZ	129,8

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda

(2013/372/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jstabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 3(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara talba mill-Irlanda, il-Kunsill taha assistenza finanzjarja permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE ⁽²⁾ bħala sostenn għal programm qawwi ta' riforma ekonomika u finanzjarja bil-għan li tinkiseb il-fiduċja mill-ġdid, li l-ekonomija tkun tista' tirritorna għal tkabbir sostenibbli, u li tkun salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja fl-Irlanda, fiż-żona tal-euro u fl-Unjoni.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 3(9) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u f'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), għamlet l-għaxar revizzjoni tal-progress tal-awtoritajiet Irlandiżi fl-implimentazzjoni tal-miżuri maqbula kif ukoll tal-effikaċja u l-impatt ekonomiku u soċjali tal-miżuri maqbula.
- (3) Wara l-qbil politiku milħuq mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, huwa mistenni li l-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) tiġi adottata dalwaqt. F'dan il-kuntest, it-testijiet li jmiss tal-istress fuq il-banek li se jsiru madwar l-UE kollha, li se jsiru taħt l-awspiċi tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), mhux se jsiru fl-2013 kif kien mistenni preċedentement.
- (4) Bi tħejjija għat-test tal-istress tad-dħul fir-rigward tal-SSM, u bil-għan li (i) jkun hemm dijanjostiċi utli qabel ma jintemm il-programm u (ii) kemm jista' jkun tiġi żgurata konsistenza fid-diversi eżerċizzji ta' evalwazzjoni, l-Irlanda għandha għalhekk tagħmel sensiela ta' passi ta' tħejjija, inkluża valutazzjoni komprensiva preliminari tal-karta tal-bilanċ, qabel tmiem l-2013.
- (5) L-Irlanda rriafferma l-impenn tagħha li tittrasferixxi, mingħajr dewmien, ir-responsabbiltà għas-settur tal-ilma mill-awtoritajiet lokali lil entità ta' utilità pubblika

nazzjonali u li tintroduċi tariffi tal-ilma għall-unitajiet domestiċi. L-Irlanda wriet progress tajjeb fit-tweqqif ta' riforma fis-settur tal-ilma tagħha, anke permezz tal-promulgazzjoni ta' leġiżlazzjoni, l-istabbiliment ta' Irish Water u t-tlestija ta' passi operattivi għall-proċess ta' tranżizzjoni. Hemm raġunijiet tekniċi li jiġġustifikaw li l-introduzzjoni tat-tariffi tal-ilma għad-djar tiġi differita sal-2014, mingħajr ma jiġi kompromess il-proċess ta' riforma inġenerali.

- (6) Fid-dawl ta' dawk l-iżviluppi u kunsiderazzjonijiet, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE għandha tiġi emendata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 3, paragrafu 10, tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE huwa emendat kif ġej:

- (1) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) tlesti valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ qabel tmiem il-programm, bħala parti mill-ħidma preparatorja lejn test tal-istress li jitmexxa skont il-metodoloġija l-ġdida tal-UE.”;

- (2) il-punt li ġej huwa miżjud:

“(c) tikkomunika lill-Kummissjoni l-mudell ta' finanzjament għal Irish Water u tħabbar pjan definittiv ta' żmien għall-introduzzjoni ta' tariffi tal-ilma domestiċi fir-raba' kwart tal-2014.”.

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

L. LINKEVIČIUS

⁽¹⁾ ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

li tapprova l-aġġornament tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku tal-Irlanda

(2013/373/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisih tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 japplika għal Stati Membri li diġà qed jirċievu assistenza finanzjarja, inklużi daww mill-mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja (EFSM) u/jew mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF), fil-waqt tad-dħul fis-seħħ tiegħu.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 jistabbilixxi regoli għall-approvazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għall-Istati Membri li jirċievu din l-għajnuna finanzjarja, li jeħtieġu li jkunu artikolati mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja ⁽²⁾ meta l-Istat Membru kkonċernat jirċievi l-assistenza kemm mill-EFSM kif ukoll minn sorsi oħra.
- (3) L-Irlanda għet mogħtija assistenza finanzjarja kemm mill-EFSM permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda ⁽³⁾ kif ukoll mill-EFSF.
- (4) Għal raġunijiet ta' konsistenza, l-approvazzjoni tal-aġġornament tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku għall-Irlanda taħt ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 għandha ssir b'referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE.

(5) F'konformità mal-Artikolu 3(9) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u f'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), għamlet l-għaxar reviżjoni tal-progress tal-awtoritajiet Irlandiżi fl-implimentazzjoni tal-miżuri maqbula kif ukoll tal-effikaċja u l-impatt ekonomiku u soċjali tal-miżuri maqbula. Bħala konsegwenza ta' din ir-reviżjoni, jinħtieġ li jsiru xi tibdiliet fil-programm eżistenti ta' aġġustament makroekonomiku.

(6) Dawk il-bidliet jinsabu fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/372/UE ⁽⁴⁾ li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżuri speċifikati fl-Artikolu 3(10) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE li għandhom jittieħdu mill-Irlanda matul l-2013 bħala parti mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku tagħha huma b'dan approvati.

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
L. LINKEVIČIUS

⁽¹⁾ ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34.

⁽⁴⁾ Ara paġna 9 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tad-9 ta' Lulju 2013
li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri
(2013/374/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286(2) tiegħu,

Artikolu 1

Is-Sur Neven MATES huwa b'dan maħtur membru tal-Qorti tal-Awdituri għall-perijodu ta' sitt snin mill-15 ta' Lulju 2013 sal-14 ta' Lulju 2019.

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja,

Artikolu 2

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Billi:

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

(1) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 285 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Awdituri għandha tkun komposta minn ċittadin wieħed minn kull Stat Membru.

(2) Wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Awdituri għandha titkabbar bil-ħatra ta' membru addizzjonali għal mandat ta' sitt snin,

Għall-Kunsill

Il-President

R. ŠADŽIUS

⁽¹⁾ L-Opinjoni tat-12 ta' Ġunju 2013 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

AVVIŻ LILL-QARREJJA

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1), mill-1 ta' Lulju 2013, l-edizzjoni elettronika biss tal-Ġurnal Uffiċjali għandha tiġi meqjusa awtentika u għandu jkollha effett legali.

Fejn ma jkunx possibbli li tiġi ppubblikata l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux previsti, l-edizzjoni stampata għandha tkun awtentika u għandu jkollha effett legali skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 216/2013.

EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

